# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 22 ta' Mejju, 2023

**Kawża Nru. 3**

**Rik. Nru. 7/2022 ISB**

**William England (K.I. Numru 30654M) fil-kwalita' tiegħu ta' amministratur għan-nom u fl-interess ta' Madliena Village Owners Association**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **William England noe**, intavolat fil-21 ta' Jannar 2022, li permezz tiegħu huma talbu lil-Qorti sabiex:-

> *"...tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji jerġa' jdaħħal isem is-soċjetajiet Cissa Limited (C 36023) u Clarissa Property Holdings*

*Limited (C 40089) fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u dan salv dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li tagħti fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ."*

U dan wara li ppermetta:

1. *Illi l-esponenti noe huwa kreditur tas-soċjeta' Cissa Limited (C 36023) fl-ammont komplessiv ta' ħamsa u erbgħin elf, sitt mija u wieħed u disgħin Ewro (€45,691) rappreżentanti condominium fees għas-snin 2013 sal-2021 għas-segwenti fondi: Appartament 501, Appartament 508; u The Cottage, liema fondi huma proprjeta' tal-istess soċjeta' u li jifformaw parti minn Madliena Village;*

2. *Illi parti mill-ammont fuq imsemmi jinsab kanonizzat in forza ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-istess ismijiet li pero hija soggetta ghall-appell filwaqt illi hemm ukoll kawza u mandat pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, ukoll fl-istess ismijiet;*

3. *Illi l-esponenti skopra ricentement, illi, nhar is-17 ta' Ġunju, 2021 isem is-soċjetà Cissa Limited (C 36023) ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji, u li fl-istess ġurnata wkoll, ġie mħassar mir-Reġistru tal-Kumpanniji isem is-soċjetà azzjonista maġġoritarja u direttriċi tal-imsemmija Cissa Limited (C 36023), u ċioe Clarissa Property Holdings Limited (C 40089), u dan kif jidher mill-kopja tal-Memorandum and Articles of Association tas-soċjetà Cissa Limited hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A";*

4. *Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat minn din id-deċiżjoni tar-Reġistratur tal-Kumpanniji peress illi jirriżulta lill-esponenti illi dawn is-soċjetajiet, jew min minnhom, attwalment għad għandhom numru ta' assi konsistenti f'proprjetajiet immobbli, kif jista' jiġi ppruvat matul is-smiegħ tar-rikors kif ukoll jirrizulta illi s-socjeta Cissa Limited hija debitrici versu l-esponenti;*

5. *Illi l-esponenti bl-ebda mod ma kellu x'jaqsam mal-ġestjoni tal-istess soċjetajiet;*

6. *Illi minħabba l-fatt illi hemm kawżi pendenti fil-konfront tas-soċjeta' Cissa Limited (C 36023), kif ukoll sabiex l-esponenti ikun jista' jitħallas dak li huwa dovut lilu, huwa neċessarju, anzi kruċjali, illi l-ismijiet tas-soċjetajiet Cissa Limited (C 36023) u*

*Clarissa Property Holdings Limited (C 40089) jerġgħu jiġu restitwiti fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet;*

7. *Illi dan ir-rikors qed isir fit-terminu ta' ħames snin previst fl-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-esponenti għaldaqstant huwa persuna interessata peress li huwa kreditur skont l-istess artikolu;*

8. *Illi dan huwa l-uniku rimedju li għandu l-esponenti;*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 9).

Rat **id-digriet** tagħha tat-22 ta' Frar 2022 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022 fil-11:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpanniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fis-7 ta' Marzu 2022 (ara tergo ta` fol 11).

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022, dehret l-Avukat Dr Rachael D'Souza għar-rikorrent noe. u l-Avukat Dr Claudette Fenech għar-reġistratur intimat.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022, id-difensur tal-intimat infurmata lill-Qorti li kien ġie intavolat rikors għall-kjamat in kawża tal-uffiċjali u l-azzjonisti tal-kumpanija Cissa Ltd. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent noe. li mhux qed topponi għall-istess talba.

Rat illi fil-25 ta' Marzu 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 13), li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Cissa Limited (C 36023) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru"), fit-13 ta' April 2005;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tissottometti l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tar-regolament 8(1) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lis-soċjeta' direttriċi tagħha sabiex javża illi l-isem tal-*

*kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħat l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija fuq l-indirizz reġistrat tagħha li huwa 130A, Archbishop Street, Valletta, u kif ukoll lill-uniku soċjeta' direttriċi tagħha, li għandha l-istess indirizz reġistrat, datati 8 ta' Frar 2021 (annessi u mmarkati bħala Dok. 'A', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur);*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi f'dawn l-avviżi l-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha, skont ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija f'każ li ma jirċievi l-ebda tweġiba għall-ewwel ittra fi żmien xahar, u tweġiba għall-avviż fi zmien tliet xhur;*

*Illi ta' min jiġi rrimarkat li kemm is-soċjeta' Cissa Limited u kif ukoll is-soċjeta' direttriċi tagħha, qatt ma oġġezzjonaw għal tali proċess matul il-perjodu ta' tliet xhur provdut mir-Reġistratur għal-ġid ta' kull min seta qatt kellu interess jagħmel dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur baqa' qatt ma rċieva xi tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fis-17 ta' Ġunju 2021, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħareġ avviż fuq website miżmuma minnu fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu sabiex l-isem tal-kumpanija jerġa' jitqiegħed fuq ir-Reġistru bħala kreditur ai termini tas-subregolament 4 tar-regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations. Dan tal-aħħar jipprovdi illi tali rimedju mitlub jista' jingħata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun xieraq illi jsir dan. Is-subregolament 6 tal-istess regolament jipprovdi illi, minkejja illi l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru, ir-responsabbilita' tal-kumpanija u kull uffiċjal u membru tagħha għandha tkompli u tista' tiġi nfurzata daqslikieku l-isem tal-kumpanija ma kien qatt tħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur japprezza illi meta f'każ bħal dan, ikun kreditur illi jkun qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti illi l-isem jerġa' jitpoġġa lura fuq ir-Reġistru, din l-Onorabbli Qorti m' għandha l-ebda kontroll fuq l-aġir tal-kumpanija. Dan għaliex l-isem tal-kumpanija jkun qiegħed jerġa' jitpoġġa fuq ir-Reġistru sempliċiment għall-benefiċċju tal-kreditur. Ir-Reġistratur jixtieq umilment jissolleva, illi f'ħafna każijiet bħal dan tal- lum, il-kreditur jagħzel li jagħmel rikors il-Qorti sabiex jerġa' jitqiegħed lura fuq ir-Reġistru l-isem tal-kumpanija anke jekk ikun jaf li l-kumpanija ma jkollha ebda assi;*

*Illi jrid jiġi nnotat ukoll kif is-soċjeta' direttriċi ta' Cissa Limited, u ċioe Clarissa Property Holdings Limited (C 40089) hija wkoll is-soċjeta' azzjonista maġġoritarja tal-istess Cissa Limited. Madanakollu, Clarissa Property Holdings Limited ġiet ukoll imħassra minn fuq ir-Reġistru (annessi u mmarkati bħala Dok. 'B', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) nhar is-17 ta' Ġunju 2021 għall-istess raġuniijiet, u ċioe illi naqset mill-obbligi tagħha illi tissottometti l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tar-regolament 8(1) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi l-proċedura segwita mir-Reġistratur fil-konfront ta' Clarissa Property Holdings Limited għat-tħassir minn fuq ir-Reġistru, kienet identika għal dik ta' Cissa Limited, u cioe' dik provduta taħt ir-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur jixtieq illi jekk iż-żewġ kumpaniji jerġaw jitpoġġew fuq ir-Reġistru skont kif mitlub fir-rikors promotur, tali kumpaniji għandhom jissottomettu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa inkluż dik dwar is-sidien benefiċċjarji tagħhom u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħed umilment jissolleva illi qiegħed iħalli f'idejn din l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpaniji in kwistjoni tiġi rattifikata;*

*Illi r-Reġistratur huwa kreditur ta' dawn iż-żewġ kumpaniji huwa stess u għaldaqstant huwa għandu jiġi mħallas il-penali dovuti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali, kontijiet annwali u dokumentazzjoni relatata mal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji, li jammontaw għal eluf ta' ewro;*

*Illi di piu', il-pagamenti dovuti fuq reġistrazzjonijiet ta' prospetti annwali li baqgħu pendenti jammontaw għal **EUR 700** u **EUR 560**, dovuti mingħand Cissa Limited u Clarissa Property Holdings Limited rispettivament;*

*Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed umilment jissolleva li huwa lest li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, filwaqt illi r-Reġistratur ma jispiċċax b'kumpaniji fuq ir-Reġistru li m'humiex in regola mal-Att dwar il-Kumpaniji u l-liġijiet sussidjarji tagħha għal żmien indefinit.*

Rat ir-rikors tal-intimat Reġistratur tal-Kumpaniji intavolat fil-25 ta' Marzu 2022 (fol 44A) li permezz tiegħu talab l-kjamat fil-kawża tal-uffiċjali u tal-azzjonisti ta' Cissa Limited u ċioe` Bernard Manduca, Dr Alexander Perici Calascione u Tamara Jane Caruana.

Rat ukoll id-digriet tagħha tat-22 ta' April 2022 (fol 44C) li permezz tiegħu ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'ġimgħa għar-risposta.

Rat ir-risposta tar-rikorrent noe intavolata fit-3 ta' Mejju 2022 (fol 45A) li permezz tagħha iddikjara li ma jopponix għat-talba mressqa mill-intimat Reġistratur salv illi l-posizzjoni tar-rikorrent noe m'għandhiex tiġi ppreġudikata u illi l-ispejjeż relatati mal-istess ikunu a karigu tal-istess intimat.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2022, xehed William England li ppreżenta u kkonferma bil-ġurament l-affidavit tiegħu (fol 48).

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Marzu 2023, id-difensur tal-intimat Reġistratur iddikjarat li kienet qegħda tirtira r-rikors tagħha tal-25 ta' Marzu 2022 u b'hekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Rat ukoll id-dikjarazzjoni tal-partijiet li m'għandhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat ukoll li bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti jgħid illi b'effett mis-17 ta' Ġunju 2021, l-isem tas-soċjeta **Cissa Limited (C36023)** kif ukoll tas-soċjeta' **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** kienu ġew mħassra minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi jirriżulta illi r-rikorrent noe huwa kreditur tas-socjeta` msemmija Cissa Limited (C36023), fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, sitt mija u wieħed u disgħin Ewro (€45,691) rappreżentanti *condominium fees* għas-snin 2013 sal-2021 għas-segwenti fondi: Appartament 501, Appartament 508 u The Cottage, liema fondi huma propjeta' tal-istess soċjeta' u li jifformaw parti minn Madliena Village, liema ammont ġie kanonizzat in forza ta' sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-istess ismijiet li hija soġġetta għall-appell,

filwaqt li hemm ukoll kawża u mandat pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Jirriżulta wkoll li Clarissa Property Holdings Limited (C 40089) hija l-azzjonista maġġoritarja u direttriċi tal-imsemmija Cissa Limited (C 36032).

Huwa allura għalhekk illi r-rikorrenti ressaq dawn il-proċeduri sabiex is-soċjetajiet **Cissa Limited (C36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** jerġgħu jitqiegħdu fuq ir-Reġistru bil-għan illi r-rikorrenti jieħu l-miżuri kollha lilu spettanti biex jissodisfa l-kreditu tiegħu.

Illi fl-affidavit tiegħu William England jgħid li ilu jokkupa l-kariga ta' amministratur ta' Madliena Village Owners Association għall-aħħar ħames (5) snin u jamministra partijiet komuni tal-Kondominju magħruf bħala *Madliena Village Phase 1* li huwa kostitwit bejn il-blokok magħrufa bħala *Blocks 30's, 40's, 50's, 60's u 70s*, kif ukoll il-kumplessi ta' garaxxijiet magħrufa bħala *Garage Complex 30's and 40's* u *Garage Complex 70's.*

Jispjega li Cissa Limited hija propjetarja ta' Appartament 501, Appartament 508 u The Cottage, li jiffurmaw parti mill-istess kumpless.

Jispjega li Cissa Limited hija debitriċi ta' Madliena Village Owners Assocation, fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf, sitt mija u wieħed u disgħin Ewro (€45,691) li jikkonsistu fis-segwenti:

- Is-somma ta' wieħed u tletin elf u wieħed u ħamsin Ewro (€31,051) hija dovuta bħala *condominium fees* għall-perjodu bejn l-2013 u l-2019, liema ammont ġie kkonfermat fis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Ġunju 2021 fl-ismijiet **William England bħala amministratur ta' Madliena Village Owners Association vs Cissa Limited (C 36023)** liema deċiżjoni hija soġġetta għal appell li ma jidhirx illi sal-llum ghadu gie appuntat.

- Is-somma ta' erbatax -il elf, sitt mija  u erbgħin Ewro (€14,460) huma dovuti bħala *condominium fees* għall-perjodu bejn l-2020 u l-2021 u f'dan ir-rigward hemm proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li flimkien magħhom ġie ppreżentat ukoll Mandat ta' Inibizzjoni li wkoll jinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Oltre` minn hekk jgħid li fis-16 ta' Novembru 2016, fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet **Max Home Services Limited et vs Paul**

**Caruana et,** l-istess soċjeta' ġiet ikkundannata tħallas is-somma mitluba mir-rikorrent noe, parti minn liema somma tħallsu mentri ir-rimanenti għadu dovut. Jispjega li nħarrġu wkoll mandati kontra s-soċjeta Cissa Limited (C 36023) f'tentattiv li jinġabru l-ammonti msemmija.

Jgħid li riċentament sar jaf li fis-17 ta' Ġunju 2021 tħassar l-isem tas-soċjeta' **Cissa Limited (C 36023)** kif ukoll l-isem tal-*majority shareholder and director* tagħha **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)**.

Jispjega li Cissa Limited (C 36023) għandha numru ta' propjetajiet immobbli u hija debitriċi ta' Madliena Village Owners Association.

Jgħid li l-assoċjazzjoni ser tkun qed issofri preġudizzju jekk kemm -il darba ma jiġux ravvivati u jerġa jiddaħlu fuq ir-Reġistru tas-Soċjetajiet u kien għalhekk li saru dawn il-proċeduri.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi ġie rilevat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tiegħu illi t-talba rikorrenti **kellha ssir ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 u mhux taħt l-artikolu 325(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Għalkemm it-talba fir-rikors promotur qed issir ai termini tal-artikolu 325(4) tal-KAP 386, u kif sollevat mir-Registratur intimata, din kellha ssir ai temrini tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, b'dana kollu din il-Qorti ser taghti l-provvediment tagħha xorta waħda billi tikkonsidra t-talba maghmula, u dan għal żewġ raġunijiet.

Fl-ewwel lok, filwaqt illi l-Qorti dejjem tippreferi u tissolleċita lir-rikorrenti sabiex jaraw u jassiguraw illi t-talbiet isiru ai termini tal-provvedimenti tal-ligi idoneja, b'dana kollu fil-kaz odjern, il-Qorti tqis illi l-effett tat-talba huwa xorta – it-tqieghed lura tal-kumpannija fuq ir-Registru. Fuq kollox, it-talba kienet tkun xorta valida li kieku r-rikorrent ma semmiex l-artikolu fit-talba tieghu. Il-Qorti ma thossx illi dan ibiddel bl-icken mod is-sustanza tal-procedura.

Fit-tieni lok, il-Qorti qed tiehu din il-posizzjoni anke fid-dawl ta' spedezza u prattiċita' li huwa meħtieg fil-kamp kummerċjali, peress illi l-alternattiva kienet tkun, f'kaz illi tiġi miċħuda t-talba minħabba l-iżball msemmi, illi

terġa' tiġi ri-proposta l-kawża b'indikazzjoni ta' l-artikolu rilevanti. Il-Qorti tqis dak bħala ħela ta' ħin u spejjeż inutili.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi r-**Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations***[1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bzonn biex kumpannija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanniji **Cissa Limited (C 36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** ġew ikkanċellati minn fuq ir-Reġistru.

---

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

Mill-atti jidher ċar illi r-rikorrenti għandu kreditu sostanzjali fil-konfront tal-kumpannija Cissa Limited (C 36023) u li hemm anke diversi proċeduri pendenti f'dan ir-rigward. Jidher ċar ukoll li ma jkunx jagħmel sens li tiġi ravvivata biss l-kumpanija Cissa Limited (C 36023) meta s-sehem maggoritarju tagħha jinsab kwazi fl-intier tagħha f'idejn is-soċjeta' Clarissa Property Holdings Limited (C 40089) - li wkoll ġiet mħassra minn fuq ir-Reġistru. Din il-Qorti hija tal-fehma li jekk kemm -il darba kumpanija tiġi ravvivata jrid ikollha grad ta' ċertezza li din tista` filfatt tiġi ġestita, u ċertament li ma tistax tiġi ġestita jekk kemm -il darba min jiġestiha tkun kumpanija li hi stess ġiet mħassra minn fuq ir-Reġistru.

Illi filwaqt illi l-intimat Registratur għandu ragun josserva illi jekk kemm -il darba l-kumpaniji jerġgħu jitpoġġew fuq ir-reġistru ai termini **Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations*** xorta ser jissusistu l-fatturi li wasslu sabiex ir-Reġistratur neħħa l-kumpaniji minn fuq ir-Reġistru – b'dana kollu kull każ storja u fil-każ odjern, ir-rikorrent noe indika li l-kumpanija fil-fatt għad għandha l-assi immobbli, minkejja li ma ssottomettietx l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji tagħha lir-Reġistratur ai termini tar-regolament 8(1) tal-istess Regolamenti.

Huwa għalhekk illi din il-Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qed tieħu nota tal-fatt illi r-Reġistratur intimat kellu kull raġun illi jikkanċella isem il-kumpaniji **Cissa Limited (C 36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** minn fuq ir-Reġistru, pero` ir-rikorrent noe għandu interess u jinsab sodisfatt dak li trid il-liġi biex huma jitolbu b'suċċess ir-rientegrazzjoni tal-kumpaniji msemmija lura fuq ir-Registru.

Il-Qorti sejra għalhekk tilqa' t-talba mressqa mir-rikorrenti noe, pero` una volta illi ser jingħata din l-opportunita' li l-kumpaniji **Cissa Limited (C 36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** jerġgħu jitpoġġew fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, dan ma jfissirx illi din il-Qorti terġa' tagħti jew marbuta terġa' tagħti opportunita` oħra jekk ir-rikorrent noe. ifalli mid-dmirijiet u l-obbligi tiegħu biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' dawn il-kumpaniji.

Ir-rikorrent noe għandu ikun ben konxju ta' dan u b'hekk din il-Qorti tkun f'posizzjoni aktar komda u serena biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha favur it-tqegħid lura ta' isem is-socjetajiet **Cissa Limited (C 36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** lura fuq ir-Reġistru.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 u r-Regolamenti naxxenti minnhu kif hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Liġi Sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-ismijiet ta' **Cissa Limited (C 36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk jitqiesu illi komplew bl-eżistenza tagħhom daqs li kieku isimhom ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanniji msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-ismijiet ta' **Cissa Limited (C 36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** jitpoġġew lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji għall-perjodu ta' ħames (5) snin, b'dan illi r-rikorrent noe. huwa mistenni illi jsegwi u wieħed jispera jiffinalizza kwalunkwe proċeduri neċessarji sabiex jenforzaw kwalsiasi drittijiet tieghu kontra l-istess soċjetajiet msemmija jew liema minnhom, fiż-żmien hawnekk konċess.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi seta' nkorra ir-Registratur intimat biex tħassar isem il-kumpaniji de quo minn fuq ir-Registru u li għad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpaniji **Cissa Limited (C 36023)** u **Clarissa Property Holdings Limited (C 40089)** fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji, jkunu a karigu tar-rikorrent noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**